MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-1 ta' Diċembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 800/2002

**Citaz Nru:  800/02 JA**

**A.A.G. Company Limited.**

**-vs-**

**Joseph Ghiller u Antonia Attard Gialanze.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fil-15 ta' Lulju, 2002, li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet;

Illi l-konvenut Joseph Ghiller ottjena kontra l-konvenuta Antonia Attard Gialanze mandat ta' qbid numru 1564/95 fl-ismijiet *Joseph Ghiller vs Antonia Attard Gialanze* (Dok A).

Illi dan il-mandat gie ezegwit fuq ogetti proprjeta tas-socjeta' attrici.

Illi s-socjeta' attrici mhix debitrici tal-konvenut Joseph Ghiller u m' ghandha l-ebda relazzjoni guridika mieghu.

Illi l-oggetti maqbuda jappartjenu lis-socjeta' attrici u dan wara li gew trasferiti permezz ta' skritura privata redatta in ati tan-Nutar Carmel Gafa datat 1 ta' Frar 1992 (Dok B).

Illi ghalhekk l-imsemmi mandat huwa null u bla effett u dan peress illi qed jigi ezegwit fuq propjeta' li ma' tappartjenix lid-debittrici fil-mandat fuq imsemmi.

Ghalhekk jitolbu lill-din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-effetti maqbuda permezz tal-mandat ta' qbid numru 1564/95 fl-ismijiet fuq premessi, jappartjenu lis-socjeta' attrici.

2. Tiddikjara null u bla effett, il-mandat ta' qbid numru 1564/95 fl-ismijiet *Joseph Ghiller vs Antonia Attard Gialanze* ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa fil-15 ta' Lulju, 2002 w il-lista tax-xhieda;

Rat in-nota ta' l-eccezzjoni tal-konvenut Joseph Ghiller, prezentata fil-25 t' Ottubru, 2002 li permezz taghha ecepixxa:

1. Illi preliminarjament, l-eccipjent kien qieghed jiehu passi b' riferenza ghall-Mandat ta' Qbid numru 1564/95 u mhux il-Mandat ta' Qbid numru 1563/95.
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' attrici ghandha taghti prova li l-oggetti li gew maqbuda permezz tal-Mandat ta' Qbid Numru 1564/95 huma propjeta taghha u mhux ta' Antonia Attard Gialanze.

3. Illi minghajr pegudizzju ghall-premess u f' kull kaz, kif ser jirrizulta waqt il-gbir tal-provi, il-mandat ta' Qbid Numru 1564/95 kien gie ezegwit fit-8 t' Awwissu 1995 u l-oggetti li taghhom kien qieghed jintalab il-bejgh bl-irkant kienu dawk maqbuda f' dik id-data.

4. Illi f' kull kaz, l-eccipjent m' ghandux jehel spejjez ta' dawn il-proceduri.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Is-socjeta' attrici qieghda tigi mharrek in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa fil-25 t' Ottubru, 2003 w il-lista tax-xhieda;

Rat illi l-konvenuta Antonia Attard Gialanze ma' prezentatx l-eccezzjonijiet taghha u ghalhekk hija kontumaci;

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2003;

Ikkunsidrat:

Illi s-socjeta' attrici qed titlob dikjarazzjoni illi l-oggetti maqbuda permezz tal-Mandat ta' Qbid 1564/95 huma proprjeta' taghha u mhux tad-debitrici indikata fl-istess mandat.

Illi apparti d-dokument li gie esebit u mmarkat bhala (Dok "B"), l-atturi ma' resqu l-ebda prova, billi dan id-dokument ma' giex konfermat bil-gurament il-Qorti se tiskartah ghall-fini probatorji.

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti **tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Ghiller, u tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------